TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**Carmen Farrugia**

**vs**

**J & E Service Line Ltd.**

**13 ta' Gunju 2016**

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrenti tal-21 Dicembru 2015 fein talbet lil dan it-Tribunal li jikundanna lill-kumpanija intimata illi tirrifondilha s-somma ta' €500 - prezz ta' tumble dryer li xtrat minghand is-socjeta' intimata, liema tumble dryer ma ffunzjonatx kif suppost.

Ra l-eccezzjoniet tas-socjeta' intimata fejn filwaqt illi rikonnoxxiet li t-tumble dryer kellu l-hsara allegat li r-rikorrenti ppretendiet wahda gdida u ma hallicthomx jaghmlu t-tiswijiet li hemm bzonn.

Ra l-atti kollha tal-kawza, semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fid-29 ta' Lulu 2014 ir-rikorrenti xtrat tumble dryer tad-ditto Haier minghand is-socjeta' konvenuta ghall-prezz ta' hames mitt Euro. (€500). Dan il-bejgh kien kopert b'terminu ta' garanzija illi mhux kontestat. Ghall-ewwel it-tumble dryer kien qed jiffunzjona tajjeb izda wara xi sena u tlett xhur, bdew il-problem, fejn jew ghall-haga jew ghall-ohra it-tumble dryer kien qed jittiehed ghat-tiswijiet fil-workshops tas-socjeta' intimata. Fuq dan hemm qbil miz-zewg partijiet. Il-kontroversja bejn il-partijiet qieghda fil-fatt illi r-rikorrenti donnha qatghet qalbha milli jkollha tumble dryer jiffunzjona sew u talbet wiehed gdid, waqt li s-socjeta' intimata baqghet tinsisti li tibqa' tissewwi dan it-tumble dryer sakemm hemm bzonn.

Ikkunsidra

Illi meta r-rikorrenti xtrat it-tumble dryer minghand is-socjeta' konvenuta, dina kellha kull ragun tippretendi illi it-tumble dryer kien ser ittiha numru ta' snin minghajr problemi. Dan pero' ma kienx il-kaz u kien biss war sena u tlett xhur illi bdew hergin il-hsarat b'tali mod illi r-rikorrenti giet priva mill-godiment ta dan it-tumble dryer.

Illi s-socjeta' intimata tirrikonoxxi illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma kienux fiergha u it-tumble dryer verament kellu bzonn interventi tekniki biex jitrangaw il-hsarat. Ex admissis, is-socjeta' intimat tghid illi f'okkazzjoniji minnhom, twahhlet part li ma kenitx adegwata, tant illi t-tumble dryer kellu

jerga' jittiehed lura l-workshops ghall-aktar interventi teknici. Din il-kwistjoni damet sejra numru ta' xhur sakemm fl-ahhar ir-rikorrenti irrifjutat li taccetta lura it-tumble dryer u staqsiet illi tigi rijimpjazzata b'wahda gdida. Is-socjeta' intimata irrifjutat dan u ghalhekk bdew dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi ovvjament dan it-tumble dryer partikolari kien affett b'difett intrinsiku li minhabba fih ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intenzjonat. Il-prezz ta' hames mitt Euro ghal tumble dryer huwa pjuttost gholi u ghalhekk wiehed jippretendi illi jkollu servizz fit-tul ta' dan l-oggett ukoll kif gen minn ditta rinomata. Dan pero' ma kienx il-kaz f'dan it-tumble dryer partikolari, illi wara sena u tlett xhur bdew jizviluppaw hsarat li s-socjeta' intimata ma kenitx kapaci ssewwi.

Evidentement is-socjeta' intimata m'ghandhiex it-teknika bizzejjed biex tiddentifika mal-ewwel il-hsara u ssewwi fejn hemm bzonn. Wiehed jippretendi li jekk forsi oggett issirlu xi hsara, dan jissewwa drab u jibqa' jaghti s-servizz li ghandu jaghti. F'dan il-kaz, is-socjeta' intimata hadet lura dan it-tumble dryer mill-inqas tlett darbiet, fern f'darba minnhom tirrikonoxxi illi twahhlet part zbaljata. Mhuwiex mistenni illi jsiru dawn it-tipi ta' zbalji minn-nies teknici li jkunu mrawwma apposta bisex issewwu oggetti simili u ghalhekk is-socjeta' intimata ma tistax tippretendi illi tibqa' ssewwi ad infinitum, anke cara tkun ghaddiet il-garanzija statutorja. Ghaliex la d-difett ma ssewwiex fil-bidu nett tfisser li jew din huwa serju hafna jew is-socjeta' intimata ma kenitx kapaci issewwi minhabba nuqqas ta' sengha u hila. L-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta illi r-rikorrenti tefghet xi zraben jew papocci fit-tumble dryer hija allegazzjoni fjakka li ma gietx iptpruvata.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ma gietx trattata professionalment mis-socjeta' intimata. Din irceviet flus tajba minghand ir-rikorrenti li min-naha taghha tippretendi li jkollha oggett tajjeb. Minkejja l-isforzi kollha ovvjament dan ma kienx il-kaz u giet moghtija oggett difettuz illi ma kienx tajjeb ghal-iskop illi kien intenzjonat. Pero' tajjeb jew hazin ir-rikorrenti uzat it-tumble dryer ghal kwazi sena u nofs qabel ma bdew jinqalghu il-problemi. Dan inizzel il-valur tal-oggett b'tali mod illi r-rikorrenti illum m'ghandhiex dritt tippretendi illi tigi rizarcita skond il-valur shih ta' wahda gdida. Ghalhekk dan il-valur qed jigi kalkulat mit-Tribunal arbitrio bono viri.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin Euro (€375.00), prezz ta' tumble dryer affett minn difett latenti bid-dritt li s-socjeta konvenuta tiehu lura it-tumble druer. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**